# IX-XOGĦOL FIL-BARRIERI FL-IMGĦODDI

John Buhagiar

Il-ġebla Maltija hija riżors importanti ħafna għal pajjiżna. Ħafna nies ma jafux kif kien jinqata' l-ġebel mill-barriera. Ħafna għodda tal-imgħoddi m'għadiex tintuża llum u hija ħasra li ħafna nies lanqas jafu biha.

Fl-antik il-ħaddiema tal-barrieri kienu jagħmlu kollox b'idejhom u għalhekk kien ħafna aktar diffiċli mil-lum. L-għodda popolari tal-imgħoddi li kienu jużaw kienu l-fiesa, il-pala, il-qoffa, iz-zappun, il-baqqun (b'diversi tipi fil-marloċċ), l-imterqa, l-ispnar, iċ-ċapep, il-landi, il-pal, l-iskarpellina u l-mazza.



Għodod differenti li kienu jintużaw għall-qtugħ tal-ġebla tal-franka fil-barrieri.

B'dawn l-għodda l-ħaddiema riedu jneħħu l-ħamrija mill-għalqa u jsaffu l-wiċċ biex jibdew ix-xogħol tal-barriera. Dan baqa' jsir sa xil-1960 għax wara l-ewwel bdew magni li jagħmlu t-trinka u aktar tard magni li jaqtgħu knaten lesti biex taqbad tibni. Daħlet wara magna oħra li tobrox il-kantun miż-żewġ naħat u minn taħt u minn fuq. Il-ġebel kien jiġi żmarrat il-barriera u jitkompla aktar fin fuq il-lant tax-xogħol fejn ikun qed jinbena l-post. Fl-imgħoddi l-ġebla Maltija kienet tiġi esportata lejn il-Greċja, l-Eġittu, it-Tuneżija, l-Italja u l-Ingilterra. Dak iż-żmien kien l-aktar xogħol ta' tbatija li kellna Malta. L-id tal-ħaddiem kienet tħaddem l-għodod li semmejna fuq fit-tieni paragrafu.

Hawn żewġ tipi ta' barrieri f'Malta. Dik tal-franka (*globigerina limestone*) u dik tal-qawwi li minnha jagħmlu ż-żrar u r-ramel għal konkos. Il-barrieri tal-franka jinsabu l-Imqabba, il-Qrendi, Ħal Kirkop, is-Siġġiewi, ix-Xwieki limiti tal-Għargħur u Għawdex. L-aqwa ġebla fosthom hija tal-Imqabba fl-inħawi tad-Dawl, idur sa fejn jispiċċa l-ajruport n-naħa li mill-Imqabba tieħdok għas-Siġġiewi. Din il-ġebla meta tinqata' tkun ratba u tinħadem malajr u meta tgħaddi xi ġimgħa kważi tibbies bix-xemx jew bir-riħ u maż-żmien tiħmar u trabbi l-lega.

Fl-Imqabba l-blat issibu mill-ewwel, forsi trid tagħmel ftit tisfija. Lejn il-Qrendi hemm xi sular tisfija. Il-ġebla tal-frank tkun dejjem bajda fil-wiċċ. Wara jista' jkun hemm saff 'safra' jew soll. Il-ġebla jista' jkollha għoqod qishom żibeġ tal-qawwi li n-naġġara ma jriduhiex għax ikollhom imorru jirbattu l-għodda għand il-ħaddied ta' spiss. Jista' wkoll ikollha swaba jew sadid. Ġieli aktar ma' tinżel l-isfel il-ġebla aktar tissoda u l-kantun jinqata' xkett (kantun sħiħ u mhux imxellef).

## Il-Ħaddiema li jaħdmu fil-Barrieri

Fil-barriera kienu jaħdmu xi sitt kwalitajiet ta' ħaddiema li kienu t-trinkatur, il-kissier, l-iżmarratur, il-ħammiel, il-burdnar jew il-ġarrier u dak li jofroq ix-xorok.



Ħaddiema fil-barriera fuq il-lant tax-xogħol.

It-trinkatur kien jagħmel it-trinka bil-baqqun. Il-kissier kien jagħmel il-kniener biex it-traversa blat tinqata' u jkisser permezz tal-ispnajjar imsammra u jaqta' l-ġebel għat-tul u l-wisa' li jordna sid il-barriera. L-iżmarratur kien jillixxa x-xorok jew il-knaten biex joqogħdu sew fuq il-karrettun. Il-ħammiel kien iħammel biz-zappun u l-qoffa l-laqx u x-xaħx li jinqala' fuq il-lant. Sfortunatament il-ħammiel ma kienx jitqies bħala raġel tas-sengħa. Il-burdnar kien iġorr il-ġebel fejn ikunu qed jibnu l-bennejja.

It-trinkatur kien jitħallas bl-imqietgħa, bil-kejl tal-qasba. Dan il-kejl huwa xiber fond b'tul ta' tmienja u għoxrin xiber. Meta trinkatur kien jittrinka qasba kull jum kien jitqies bħala ħaddiem tajjeb. Ġieli wkoll kien flok bl-imqietgħa jitħallas bil-ġurnata. Kien hemm ukoll min jkun bil-ġurnata u jagħmel li jqabbdu l-imgħallem tal-barriera – f'xi ħin jittrinka u f'xi ħin ikisser, eċċ.

Il-kissier kien jitħallas ukoll bħat-trinkatur, jew bl-imqietgħa jew bil-vjeġġ – skont kemm ikisser. Jekk bil-ġurnata, il-ħlas ikun skont kemm tkun il-paga dak iż-żmien. Min kien bl-imqietgħa aktarx kien ibakkar biex jaħdem fil-frisk qabel titla' x-xemx u forsi jdum wara l-ħin ukoll.

## It-Tħammil tal-Għalqa u t-tisfija tal-Wiċċ

L-ewwel xogħol kien li jneħħu l-ħamrija bil-qoffa u jimlew kaxxa tal-injam kbira li tkun fuq karettun li jinġibed minn bhima. Kienu jużaw il-fiesa, il-pala, iz-zappun u l-qoffa. Din il-ħamrija kienet tinġarr ġo xi għalqa fejn fiha ftit ħamrija, jew f'xi post biex tkun tista' terġa' tintuża 'l quddiem meta jordmu xi barriera bit-terrapien u wara jitfgħu din il-ħamrija u ssir għalqa. Il-ħamrija hija riżors għal bniedem, infatti kkontrollata b'liġi li ma tistax tintradam.

La titneħħa l-ħamrija gieli tista' tibda ssir trinka. Ġieli jkun hemm skorċa rqieqa tal-qawwi jew xi "lanu" (blat li taħtu jkun vojt). Jekk il-"lanu" jkun xi erba' jew ħames pulzieri oħxon, kienu jagħmluh xriek tal-qasba għax xi darba jinqala' xi ħadd għalih. Ma kienu jaħlu xejn.

It-trinkatur kien ikollu tliet kwalitajiet ta' bqaqen. L-ewwel kien jibda b'baqqun li jkollu l-marloċċ twil xi tliet piedi, ieħor b'marloċċ ta' xi sitt piedi u l-ieħor twil xi għaxar piedi. Kien jibda billi jagħmel pett li jkun xi sitt piedi b'erbgħa mdawwar bi trinka fonda xi erba' piedi u jaqbadha seba' pulzieri wiesa' fil-wiċċ u jniżżilha għax xejn. Issa l-kissier iniżżel żewġ pari mtieraq bla marloċċ maqlub fil-wiċċ tat-trinka u jdaħħal żewġ pari spnajjar ġo fihom, irosshom bil-mod sakemm il-pett jinqata' minn taħt. Spnar huwa biċċa ħadida li jkun minn tliet pulzieri sa pied twil u jidħol qisu feles bejn iċ-ċapep u l-landi biex jaqta jew jaqsam il-blat. Il-landi huma żewġ pjanċi ċatti, xi kwart ta' pulzier ħxuna, sitt pulzieri twal u erba' pulzieri wiesa'. Iċ-ċapep huma maħduma bħal-landi imma jkunu xi tliet pulzieri twal b'erbgħa wiesa'. Il-landi u ċ-ċapep jintużaw biex l-spnajjar ma joqogħdux jiċċaqalqu.



Aktar għodod użati għall-qtugħ tal-ġebla tal-franka fil-barrieri.

Il-landi jiddaħlu ġol-kniener. Il-kiniera hija speċi ta' kanal orizzontali mħaffer taħt it-traversa. Tkun twila xi tmien pulzieri, wiesa' xi erba' pulzieri u tagħlaq għax xejn. Kienu jsiru xi erba' jew ħames kniener skont kemm ikun jobdi l-blat. Ġo fiha jdaħħlu erba' spnajjar bejn il-landi, irossuhom bil-mod u wara jaħbtuhom bil-mazza. Jekk il-blat ikun jobdi, wara d-daqqiet tal-mazza, it-traversa taqbad tkarwat. Jekk iddum ma tinqata, it-trinkatur jgħinha għax għandha tendenza li togħdos. Wara ċċedi. Ġieli smajniehom jaħbtu.

Kien hemm tliet tipi ta' mazez. Waħda kienet tkun żgħira, allura ħafifa. Oħra tan-nofs, ftit itqal u ftit akbar, u l-oħra aktar tqila mit-tieni waħda.

Ix-xogħol issa jitkompla billi ssir trinka fi tliet naħat tal-pett u jsiru kniener minn isfel tal-pett u jaħbtuhom bil-mazza. Hekk issa għandna traversa blat maqtugħa minn kullimkien. Il-kissier jaqsam it-traversa minn nofsha bit-tul tagħha f'linja vertikali billi jagħmel il-ħofor għal spnajjar doppji. Kienu jkunu xi żewġ piedi u nofs minn xulxin u jifqa' bil-mazza. Għal-bidu kien isammar bil-mod u wara jżid fid-daqqa sakemm tinqasam.

Il-kissier kien ikompli jaqsam din in-nofs traversa f'qisien skont l-ordni ta' sid il-barriera. Wara jdaħħal il-pal ġol-qasma li nqagħtet u jimbutaha biex taqa' ċatta mal-art fuq ix-xaħx. Waqt li jimbotta bil-pal, idaħħal ġebla ftit kbira bħal feles f'dak il-vojt biex il-blata ma' tmurx lura fejn kienet. Jekk ikollu ġebel li ma jkunx kbir, jillieva bi skarpellina flok pal.

Il-baqqun tal-kissier kien ikollu l-marloċċ twil xi pied u nofs u jkollu vajlora tar-ram fit-tarf tiegħu biex iħożż biha fuq il-ġebla li jkun ser jaqsam. Ma kienx juża lapes. Il-marloċċ kien ikollu mmarkat qies, pereżempju nofs xiber, xiber jew aktar. Barra minn hekk naħa waħda tal-baqqun tkun ċatta bħal tat-trinka u l-oħra bil-ponta biex meta jagħmel il-kniener jew toqba għal spnar iniżżilha tejper bħalma huwa l-ispnar. Ġieli flok kissier wieħed, ikunu tnejn sħab.

Wara li jkunu niżlu xi erbgħin pied fond, il-barriera ġiet qisha kaxxa vojta. Issa jitilgħu fuq u jħammlu biċċa oħra. Bejn wieħed u ieħor barriera tkun xi sebgħin pied b'ħamsa u tletin. Ġieli tkun iżgħar.

Issa ma jerggħux jagħmlu pett bħalma semmejna aktar qabel għax ikollhom il-forogħ, jiġfieri blat maqtuħ u jkunu jistgħu jaħdmu. Però, biex jibdew kienu jridu jħaffru żewġ prejjeż (toqba xi żewġ pulzieri u nofs fonda) u xi għaxar piedi bogħod minn xulxin u nvell ma' xulxin. F'kull priża jdaħħlu pal, li hija biċċa ħadida tonda u b'saħħitha, marbutin bi ħbula ħoxnin mit-tarf tagħhom għal fuq. Issa fuq il-pali jagħmlu tavlun biex il-kissier joqgħod bilqiegħda jagħmel il-kniener ħalli jerġa' jibda jifqa' wara li jkunu saru it-trinek tat-traversa. Dan il-preparament jgħidulu "udine". Fil-blat jista' jkun hemm xi qsim. Jekk il-qasma tkun żgħira jgħidulha brama u jekk tkun wiesa' (u ġieli tkun mimlija bil-ħamrija) jgħidulha dagħbien.

## X'Jinqata' mill-Barriera

Il-ġebel jinqata' f'diversi daqsijiet ta' ħxuna. L-għoli jkun dejjem l-istess, għaxar pulzieri u kwart, imma mill-barriera jinqata' aktar għoli għax kien ikun għad irid jintnaġar. Il-wisa' jkun disa' pulzieri. Ma kienux jaqtgħu tas-seba' u tas-sitta bħal-lum. Rigward it-tul kien ivarja.

Kavall huwa kantun twil erba' xbar u nofs (3 piedi u 10 pulzieri). Vaża tkun pied u żewġ pulzieri bil-pied u żewġ pulzier. Dejjem għaxar pulzieri u kwart għoli.

Rombli kienu ġebel twil biex isaqqfu xi ġiebja jew jinferaq biex jagħmlu x-xorok minnu. Blajjet għal fuq bibien u twieqi m'hemmx għalfejn ikunu aktar minn 4 piedi u 8 pulzieri għax sa erba' piedi dawl biss issir blata tal-ġebel skont l-arti u s-sengħa tal-bini. It-tmien pulzieri huma tal-erba' pulzieri qabda kull naħa. Kienu wkoll jinqagħtu skaluni li huma ġebel twil u wiesa' għat-taraġ. Iċ-ċangatura kienet flok il-madum tal-lum. Ġieli kienu jidilkuha biż-żejt biex tiġi tleqq u ma tittikilx bl-għorik tal-broxk

Hemm xorok kemm qosra (l-iqsar 2 piedi u 6 pulzieri) u kemm twal. Meta ix-xriek kien ikun xi 6 piedi u 10 pulzieri u nofs, jgħidulu tal-qasba. Dan kien jinxtara bil-wieħed. L-oħrajn bil-barkata. Eżempju: Barkata xorok ta' 3 xbar (2 piedi u 7 pulzieri u nofs) kien ikun fiha 16-il xriek. Kull 3 pulzieri li jitwal ix-xriek, kien jonqos wieħed mill-barkata.

Ix-xriek irid jinqata' skont il-vina tal-blat li f'Malta aktarx tħares lejn il-Lbiċ. Is-sengħa tal-friq tax-xorok titlob attenzjoni. L-ewwel kien isejjes fuq il-fuqqani tar-romblu, jiġifieri bl-imterqa mmejla jillixxa t-tul fejn ikun ser jagħti d-daqqa tal-kanal bl-imterqa. Id-daqqiet mogħtija b'ċerta arti u saħħa biex ix-xriek jinqata' sew. Minn romblu kien jieħu minn tlieta sa erba' xorok.

Il-bennej kien ikejjel kemm il-xiber ġab il-burdnar fuq il-lant tal-bini. Kien jimmarka fuq talja. Din hija speċi ta' njama ċatta biex jimmarkaw fuqha b'mus xi ħaġa hekk 1111 – X. Dawn ikunu xbar. Il-bennej u l-burdnar iżommu talja kull wieħed. Dak il-ġebel żgħir bla sura jissejjaħ laqx u jintuża għar-rdim jew bejn il-ħitan tas-sejjieħ. Hemm ukoll mazkan li jkun bħal laqx imma jkun akbar. Dan jintuża bħal laqx.



Is-Sienja - qisha rukell kbir tal-ħadid - magħrufa wkoll bħala l-Ħanżira

## L-Armar tas-Sienja

Meta kienu jinżlu fil-fond ħafna pereżempju xi sitt qasab jew madwar 40 pied, fil-barriera kienu jużaw is-sienja. Din il-ħanżira kienet speċi ta' rukell tal-ħadid, għolja xi erba' piedi u titwaħħal vertikali gol-art. Magħha kien jitkebbeb wajer ftit oħxon tal-azzar li jkun imqabbad mal-pastiga ma' sieq waħda tal-arbli fil-parti t'isfel. Dawn l-arbli jkunu fuq ix-xifer tal-posta li tagħti għall-barriera, marbutin forma ta' angolu ta' sittin grad fuq fejn jintrabtu.

Biex dan l-ispeċi ta' trijanglu ma jitmejjilx iżejjed jew jaqa' naħa jew oħra, jkun marbut fuq iż-żewġ naħat b'ventijiet tal-azzar. Is-saqqajn tal-arblu jkunu ġo ħofra mħaffra taħthom biex iżommu f'posthom. Kienu jtellgħu l-ġebel minn isfel billi jorbtu xi ħames kantuni fuq xulxin b'katina. Din l-użata ġebel wara tinqabad minn ganċ oħxon marbut ma' tarf ta' wajer tal-azzar li jkun ġej mit-taljola ta' fuq. Dan il-wajer jgħaddi minn ġol-pastiga ta' ħdejn is-sieq tal-arblu u minn hemm idur mal-ħanżira.

Mal-ħanżira jkun hemm arblu orriżontali għoli xi żewġ piedi u nofs mill-art. Dan jintrabt mal-ganċijiet tas-sidra jew kawwara li tkun mas-sidra tal-bhima li ddur dawra mejt sakemm l-użata ġebel titla' fuq il-posta minn isfel. Il-kelb huwa biċċa ħadida mqabbda mal-ħanżira ddur fuq id-dras tagħha waqt li qiegħda ddur. Xogħol il-kelb hu li jekk il-bhima tieqaf mid-dawrien ma tibqax terġa' lura u tinħanaq għax il-kelb iżommha milli tkompli ddur lura.

Meta l-użata ġebel tasal fuq, itellgħu l-kelb, jiġbdu ftit il-vent u jreġġgħu ftit il-bhima lura biex l-użata tistrieħ fuq il-posta. Issa l-ġebel jiġi arbulat fuq il-posta biex il-burdnar jgħabbieh fuq ix-xatba tal-karrettun u jitlaq bil-vjeġġ.

L-armar tas-sienja kien jinvolvi kapaċità kbira għax jekk ma tkunx kif suppost, jaqa' kollox għal isfel u jkorri xi ħadd.

Il-burdnar kien jgħabbi xi erbgħa u għoxrin kantun biss. Ma kienx jitla' bil-vjeġġ kollhu minn isfel għal fuq. Il-malata ġebel kien jaqsamha fi tliet darbiet. Kien jitla' bl-ewwel terz u jqiegħdu fuq posta li tkun fit-triq. Wara jerġa' jinżel u jtella' ż-żewġ terzi l-oħra, jgħabbi li ħalla fuq il-posta fit-triq u jitlaq bil-vjeġġ. Il-burdnar jorbot il-ġebel fuq il-karrettun b'katina.

Meta jiltaqa' ma' xi telgħa, il-burdnar kien jgħin lil-bagħal billi b'id waħda jaqbad mas-salib jew mat-tarant u jgħin kemm jista'. Għan-niżla kien jorbot il-krikk, speċi ta' brejk. U meta n-niżla tkun wieqfa ħafna, kien jorbot kantun b'katina marbuta mal-fus tal-karrettun u jitkaxkar mal-art biex iżomm lill-karrettun.

Ix-xorok kienu jitqiegħdu bil-kument fuq il-karrettun għax biċ-ċatt jinqasmu. Gieli wkoll meta r-rampa tal-barriera ma tkunx wieqfa ħafna u flok jaqsam il-vjeġġ fi tliet darbiet jitla' darbtejn, jintrabat bagħal ieħor quddiem l-imgħobbi biex jgħinu. Il-burdnara bil-bagħal baqgħu jġorru sa ftit wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Wara bdew it-trakkijiet.

U fejn kienu jistkennu l-ħaddiema jekk taqbad nieżla x-xita? Jew f'gorboġ jew fil-guva fejn isakkru l-għodda. Biex jinżlu u jitilgħu fil-barriera jekk ma' jkunux ħallew rampa kienu jew jorbtu slielem ma' xulxin jew jagħmlu toqob mal-ħajt fir-rokna. Kien perikoluż ħafna. Il-ħaddiema tal-barrieri kollha kienu jilbsu t-terħa ma' qaddhom għax ix-xogħol tagħhom kien iebes.



Ħaddiema jagħmlu xogħol differenti fil-barriera fl-Imqabba. Ritratt pubblikat fil-ktieb Charles Farrugia, *Tal-Ġilju: Il-Banda u s-Soċjetà fl-Imqabba*, (1995), p. 14.

L-aktar ħaddiema li jaħdmu fil-barrieri kienu mill-Imqabba u l-Qrendi u wara mill-irħula tal-madwar. Bosta Għawdxin kienu wkoll jiġu jaħdmu fil-barrieri u joqdu hawn kuljum u s-Sibt imorru jaraw il-familja f'Għawdex.

Tant fl-Imqabba l-irġiel kienu kollha jaħdmu fil-barrieri li meta kont l-iskola u t-'*teacher*' jistaqsina "*what do you intend to be when you grow up*", ir-risposta kienet dejjem tkun "*a quarry man*".

Huwa f'waqtu u xieraq il-motto tal-Imqabba

***Non nisi per ardua - Biss bil-Ħila***